# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

**Appell Nru: 38/2015**

**Il-Pulilja**

**Vs**

**Carmel Stafrace**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Carmel Stafrace, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 527965M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda minn 02/06/2014 sa 14/07/2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Natalina Stafrace u/jew lil uliedha is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 ta' Frar, 2015, li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal-terminu ta' xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Stafrace, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Frar, 2015, fejn talab lill-din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabitu hati li naqas milli jaghti l-manteniment lill-martu kif ordnat mil-Qorti. Minkejja dan, rat illi fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2016, l-appellant iddikjara illi l-appell tieghu huwa rigward il-piena inflitta anke jekk fiz-zmien li fih instab hati kien fl-impossibilita' li jhallas dak minnu ordnat wara li safa bla xoghol minhabba incident tat-traffiku;
2. Illi l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;
3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;
4. L-appellant mghandux ragun dwar l-ilment tieghu la darba l-ordni tal-Qorti ghal-hlas ta' manteniment kien ghadu fis-sehh u bl-ebda mod emendat jew sospiz. Fil-fatt huwa ammetta quddiem din il-

Qorti illi l-agir tieghu huwa wiehed kontra l-ligi. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issa tillibera lill-appellant;

5. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad l-appell kwantu dan jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata, tirriforma l-istess billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' xahar prigunerija u minflok tikkudnannah ghal-hlas ta' ammenda ta' €25.